# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 30**

**Avviz numru 130/01/SM**

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Michael Attard Ltd abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi.**

**vs**

**The Cargo Handling Company Limited u Sea Malta Company Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta' Frar tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjetajiet konvenuti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

1. **Ihallsu s-somma komplessiva ta' LM657.69,0, sitt mija u sebgha u hamsin lira u disa u sittin centezmu jew somma ohra verjuri li tigi likwidatat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti hsarat u nuqqasijiet fil-vetturi tal-marka Peugeot appartanenti lill-assigurata taghhom u spejjez tas-survey ralattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura u il-kustodja tal-konvenuti, jew min minnhom, liema vetturi waslu Malta fuq il-bastiment Maltese Falcon fit-3 ta' April, 2000, liema danni diga' thallsu mis-socjeta' attrici;**

2. **Bl-imghax legali mid-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni taghhom;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-15 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova illi l-allegati danni u nuqqasijiet sehhew waqt li l-vetturi de quo kienu taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta' eccipjenti u li l-istess vetturi gew konsenjati lilha minghajr l-istess danni u nuqqasijiet;**

2. **Illi, minghajr pegudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;**

3. **Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;**

4. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta l-ohra, is-Sea Malta Company Limited datata l-20 ta' Marzu tas-sena 2001, li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi fl-ewwel lok, illi d-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheet rilevanti, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A;**

**2. Illi fit-tieni lok il-klawsola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu li qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. B ghat-tenur ta' liema s-socjeta' konvenuta ma hiex responsabbli ghad-danni reklamati;**

**3. Illi fit-tielet lok li t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;**

**4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**5. Bl-ispejjez;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi fit-3 t'April tas-sena 2000 wasslet Malta konsenja ta' vetturi importati mis-socjeta' Michael Attard Limited permezz tal-vapur Maltese Falcon li tpoggew f'Laboratory Wharf;**

**2. Illi minn survey maghmul kemm mis-socjeta' importatrici u kemm minn dik assiguratrici gew riskontrati diversi hsarat fl-imsemmija vetturi liema hsarat ghamlet tajjeb ghalihom is-socjeta' attrici li giet surrogata fid-drittijiet ta' l-istess socjeta' importatrici;**

**3. Illi l-hsarat komplessivi riskontrati ammontaw ghall-sitt mija u seba' u hamsin Lira Maltin u disa' u sittin centezmu, (LM657.69,0);**

**4. Illi ai termini tal-bill of lading ikkoncernat, (ara fol 23), il-vetturi involuti jirrizultaw intatti;**

**5. Illi l-hsarat de quo jirrizulta li sehhew meta l-vetturi in dizamina kienu fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta**

**The Cargo Handling Company Limited, f'Laboratory Wharf;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici nomine, tiddikjara li s-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited hija unikament responsabbli ghall-hsarat in dizamina; tillikwidad-danni komplessivi ghall-ammont ta' sitt mija u seba' u hamsin Lira Maltin u disa u sittin centezmu, (LM657.69,0) u filwaqt li tillibera lis-socjeta' konvenuta Sea Malta Company Limited, tikkundanna lis-socjeta' l-ohra konvenuta The Cargo Handling Company Limited biex thallas lis-socjeta' attrici nomine l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u imghaxijiet skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**